SAN ĠILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel:  21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif  Minuti 38/K4/04

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 18/11/'04** **183**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 18/11/'04** **236**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru 2004.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.30 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Preżenza tal-pubbliku: 1

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-12 ta' Novembru 2004. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Kuntratt bejn il-Water Services Corporation u l-Kunsill
4. Rapport dwar il-'*Pedestrian Barriers*'
5. Servizz ta' Handy Man
6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 37/K4/04 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg resqet emenda għal Paġna 7, Taqsima 7 Paragrafu 7.01 (it-tieni bullit), biex wara l-kliem "**għall-knisja**" jitniżżel "**il-ġdida**".

1.3.03 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ressaq emenda għal Paġna 7, Taqsima 7, Paragrafu 7.01 (ir-raba' bullit), biex minflok il-kliem "**mistiedna iċ-Ċiniżi**" jitniżżel "**mistiedna l-Ambaxxata Ċiniża**".

1.3.06 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ssekondah.

1.3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.08 Il-Kunsillier John Agius wasal fl-4.35 p.m.

1.3.09 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ressaq emenda għal Paġna 9 Taqsima 10, Paragrafu 10.09, biex minflok il-Kelma "**Novembru**" jitniżżel "**Ottubru**".

1.3.10 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondah.

1.3.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.12 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ressaq emenda għal Paġna 10, Taqsima 10, Paragrafu 10.12, biex fir-raba' u l-ħames bullit titneħħa l-kelma "**siru**".

1.3.13 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ssekondah.

1.3.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.15 Il-Kunsilier Nicky Pillow ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 37/K4/04.

1.3.16 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondah.

1.3.17 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.18 Il-Kunsillier Norman Vella talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa il-materja dwar il-ħruq li żviluppa f'appartamenti Ta' Ġiorni.

1.3.19 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.3.20 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ 'Press Release' fuq il-gazzetti ta' kuljum kif ġej:

1.3.21 Il-Kunsill Lokali San Ġiljan juri s-solidarjeta mar-residenti ta' Ta' Ġiorni li joqgħodu fi Triq Bertha K. Ilg Blokk 'D', minħabba l-ħruq li kien hemm fil-blokk tagħhom. Il-Kunsill lest li jkompli jagħti l-għajnuna tiegħu sa fejn tipprovdi l-liġi.

1.3.22 Il-Kunsillier John Agius ġibed l-attenzjoni li r-residenti ta' Ta' Ġiorni diġa rringrazzjaw lill-Kunsill u apprezzaw ix-xogħol li għamel il-Kunsill.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 3977 | Ittra mingħand il-BOV rigward 'BOV 24 x 7 Services and Local Councils'. |
| 3993 | Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward applikazzjoni tal-Malta Tourism Authority. |
| 4066 | Ittra mingħand Hugh Peralta and Associates mibgħuta lis-Sur Frank Scicluna rigward kont tal-Water Services Corporation. |
| 4074 | Ittra mingħand is-Sur Fortunato Ellul rigward il-Pjazza fi Triq Ġorġ Borg Olivier ħdejn il-Park Towers. |
| 4134 | E-mail mingħand il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern rigward permess għal imwejjed u siġijiet fi Trejqet Dragonara k/m Triq il-Wilġa. |
| 4196 | Ittra mingħand il-lukanda Seabank rigward l-offerti li qedgħin joffru għall-festi tal-Milied. |
| 4238 | Ittra mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport rigward tweġiba għat-talba biex jinkiteb in-numru tal-karrozza fuq it-tabella tar-reserved parking. |
| 4285 | Ittra mingħand IMAX Theatre rigward il-ħarġa għat-tfal. |
| 4317 | E-mail mingħand il-Cleansing Services Department rigward il-kuntratt tal-knis tat-toroq. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru 3977

B'riferenza għall-ittra mingħand il-BOV rigward 'BOV 24 x 7 Services and Local Councils' il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li napplikaw għas-servizz.

2.03 Rif. Nru 3993

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward l-applikazzjonijiet tal-Malta Tourism Authority ġie deċiż unanimament li meta jintalab 'No Objection' mill-Kunsill tiġi addottata din il-policy:-
**il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li l-applikant josserva r-regolamenti indikati lilu mill-awtoritajiet ikkonċernati.**

2.04 Rif. Nru 4066

B'riferenza għall-ittra mingħand Hugh Peralta and Associates mibgħuta lis-Sur Frank Scicluna rigward kont tal-Water Services Corporation ġie deċiż unanimament, fuq parir legali, li l-Kunsill iħallas dan il-kont.

2.05 Rif. Nru 4074

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Fortunato Ellul rigward il-Pjazza fi Triq Ġorġ Borg Olivier ħdejn il-Park Towers, iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li ser isiru xi xogħolijiet min-naħa tal-Ministeru biex tiġi rranġata l-area. Madankollu wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jitnaqqas parti mit-triangolu fejn hemm is-siġar biex jiġi evitat il-konfużjoni u l-inkonvenjent li qed ikun hemm. Għaldaqstant ser jiġi nfurmat il-Kunsill meta l-perit jagħti l-appuntament lis-Sindku.

2.06 Rif. Nru 4134

B'riferenza għall-e-mail mingħand il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern rigward permess għal imwejjed u siġijiet fi Trejqet Dragonara k/m Triq il-Wilġa, l-Kunsill qabel unanimament li tiġi addottata l-policy kemm għal din l-applikazzjoni kif ukoll għal applikazzjonijiet oħra, li **l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li l-applikant josserva r-regolamenti indikati lilu mill-awtoritajiet ikkonċernati.**

2.07 Rif. Nri 4196 u 4285

B'riferenza għall-ittri mingħand il-lukanda Seabank u mingħand l-Eden Leisure rigward l-offerti għal ħarġa tat-tfal, ġie deċiż unanimament li tingħażel l-offerta ta' l-Eden Cinema u li l-Kunsill jieħu t-tfal jaraw film iċ-ċinema fuq bażi first come, first serve għall-ewwel mija. Madankollu mhuwiex eskluż il-fatt li jiġi kkunsidrat l-ammont jekk dan jaqbeż il-mija.

2.08 Rif. Nru 4238

Saret riferenza għat-tweġiba mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport rigward talba biex jintniżżel in-numru tal-karrozza fuq it-tabelli / marki tar-reserved parking. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li anke waqt il-Clients' Forum dwar Traffic Management – A Local Council Perspective organizzat mit-Traffic Management Directorate, nhar il-Erbgħa 10 ta' Novembru 2004, il-Kunsilli ġew nfurmati illi r-reserved parking li jiġu approvati mill-ADT mhumiex esklussivament għal persuna li tkun għamlet l-applikazzjoni fejn ir-reserved parking isir quddiem ir-residenza iżda din tkun għall-użu għall kull min għandu l-blue sticker. Ir-raġuni li ssir quddiem jew fil-viċinanza tar-residenza ta' l-applikant hija biss biex jiġi ffaċilitat l-użu tar-reserved parking mill-applikant. Għaldaqstant mhuwiex permessibbli li jsir in-numru tal-vettura ta' min applika jew min jagħmel użu mir-reserved parking għal persuni b'diżabilita.

2.09 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jmur kontra d-deċiżjoni ta' l-ADT u jerfa r-responsabilta' sabiex jitniżżel in-numru tal-vettura ta' l-applikant biss fuq it-tabella tal-persuni b'disabilita' meta din it-talba ssir bil-miktub.

2.10 Rif. Nru 4317

B'riferenza għall-e-mail mingħand il-Cleansing Services Department rigward il-kuntratt tal-knis tat-toroq, iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill illi dawn ser iġeddu l-kuntratt kif inhu madankollu d-dipartiment qed jitlob sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jingħataw l-ammont ta' bejn 18% jew 20% ta' l-ammont tal-kuntratt preżenti minħabba li meta sar l-embellishment żdiedu l-litter bins, spejjeż tal-boroż għalihom u spejjeż oħra relatati ma' *human resources* għat-tbattil tagħhom.
Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li jiżdied l-ammont bi18% fuq il-kuntratt tal-knis ( Lm 28196.87 X 18% = Lm 5075.44) għax-xogħolijiet li żdiedu mill-kuntratt.

## 3. Kuntratt bejn il-Water Services Corporation u l-Kunsill

3.01 Iċ-Chairman reġa' ressaq il-korrispondenza (Inc. 2360 / 00) li l-Kunsill kien irċieva dwar ftehim bejn il-Water Services Corporation u l-Kunsill Lokali dwar *road reinstatement* u nforma lill-Kunsill li dan is-suġġett kien diġa tressaq quddiem il-Kunsill iżda il-Kunsill, dak iż-żmien ma kienx aċċetta li jiffirma dan il-kuntratt ( Rif. ta' Minuti 40/K3/01 datati 10/05/01).

3.02 Wara diskusjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li jiġi iffirmat il-ftehim bejn il-Water Services Corporation u l-Kunsill dwar *road reinstatement.*

**4. Rapport dwar il-'*Pedestrian Barriers*'**

4.01 Il-Kunsillier John Agius ta informazzjoni lill-Kunsill dwar fejn hemm barriers installati fil-lokalita' u dan kif ġej:-

- ✓ 4 barriers faċċata tad-Dick's Bar bir-reklam ta'J.B. Whisky
- ✓ 4 barriers, bla reklam, quddiem il-Wembly Garage
- ✓ 3 barriers quddiem il-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan, 2 bir-reklam ta' Selsun u 1 ta' SQL
- ✓ 4 barriers quddiem in-Neptunes Pitch (faċċata ta' Belgravia Antique's), 2 bir-reklam ta' Veltins u 2 ta' Selsun
- ✓ 2 barriers quddiem il-knisja tal-Karmnu (faċċata ta' Nani) bir-reklam ta' SQL
- ✓ 4 barriers il-Balluta quddiem il-Villa Cassar Torregiani, 3 bir-reklam ta' 3 Hills u 1 bla reklam.

4.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ issir laqgħa ma' l-Active Enterprises biex tiġi diskussa din il-materja u l-Kunsill ikun unfurmat meta tkun ser issir din il-laqgħa.
- ✓ iċ-ċekk nru 680 għall-ammont ta' Lm 450.00, li bagħat Active Enterprises, ma jiġix iddepożitat għalissa.

4.03 Minbarra l-barriers l-imsemmija aktar il-fuq hemm tlett barriers oħra installati fil-bajja ta' San Ġorġ. Dawn qegħdin waħda quddiem Andrew's Bar, waħda quddiem Andrew's Indian u oħra quddiem Angler's Restaurant. Waħda minn dawn il-barriers għandha r-reklam ta' Aqua Azzurra.

4.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lis-sidien ta' Andrew's Bar, Andrew's Indian u Angler's Restaurant sabiex jinfurmaw lill-Kunsill jekk il-barriers ta' quddiem dawn il-ħwienet humiex tagħhom u jekk għandhomx permess biex jagħmlu l-barriers bir-reklam. Jekk il-Kunsill ma jirċevi l-ebda risposta fi żmien stipulat il-Kunsill ser ineħħi dawn il-barriers.

**5. Servizz ta' Handy Man**

5.01 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li ressaq dan is-suġġett bi skop li l-Kunsill jipprovdi s-servizz ta' handy man għall-anzjani bi spejjeż għall-Kunsill.

5.02 Ma ntlaħaqx ftehim dwar din il-proposta madankollu ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ Jintalab ruling mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk jistgħax jiġi offrut is-servizz ta' handy man lin-nies tal-lokalita' bi spejjeż għall-Kunsill.
- ✓ tintbagħat ittra lis-Segretarju Parlamentari għall-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita', l-Onor. Helen Damato fejn jiġi mitlub jingħata dettalji dwar servizz ta' handy man.
- ✓ Il-Kunsilliera Irene Borg għandha tagħti aktar informazzjoni dwar aġenzija li tipprovdi servizz ta' handy man.

**6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

6.02 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1747 sa 1762 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

7.02 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

7.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Chairman ġibed l-attenzzjoni li ser isir xogħol ta' patching fejn hemm bżonn.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8. Materji Oħra**

8.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

8.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li:

- ✓ rigward il-programm Ekoskola l-Kunsill offra s-support tiegħu.
- ✓ t-tenders tal-Mini Van u tal-lamp-post jagħlqu nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru 2004.
- ✓ Il-ħarġa tal-magażine tal-Kunsill ser toħroġ qabel il-Milied għalhekk il-Kunsilliera ġew infurmati biex jipprovdu l-artikli tagħhom kemm jista' jkun malajr.
- ✓ tlestew l-ittri li ser jintbagħtu lir-residenti rigward notifika dwar it-tneħħija ta' l-iskips u li l-orħos rata ta' pustaġġ hija dik tal-Maltapost bil-1ċ5mls il-waħda. Total ta' (4100 x .015) Lm61.50.
- ✓ ser isir tindif ħdejn Zammit Clapp u n-naħa ta' Triq Ġdida fi Triq B'Kara.

8.04 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li s-siġar li kienu ser jingħataw mill-Ministeru tat-Turiżmu biex jitqegħdu fil-ġnien in-naħa tal-kulleġġ ta' l-Għarab jidher li m'għadhomx 'available' minħabba li mietu bil-maltemp li għamel.

8.05 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li lill-Evironmental Landscapes Consortium Ltd jiġu nfurmati sabiex jinżergħu siġar taż-żebbuġ.

8.06 B'riferenza għall-ħarġa għall-anzjani tal-lokalita' ġie deċiż li din issir il-Paradise Bay Resort Hotel fil-15 ta' Diċembru 2004.

8.07 Il-Kunsilliera Irene Borg ġibdet l-attenzjoni illi s-saqaf tal-bus shelter li hemm fi Triq Birkirkara taħt il-pont, ħdejn il-Joem Petrol Station, huwa ta' periklu għall-pubbliku.

8.08 Ġie deċiż li isiru erba' Bus Shelters oħra fi Triq Sant' Andru faċċata tat-terminus tal-karozzi tal-linja, wieħed quddiem il-Każin tal-Banda fi Triq San Ġorġ u wieħed faċċata tal-monument LOVE fi Triq Ġ.B. Olivier.

8.09 Il-Viċi Sindku Nicky Pillow ġie skużat fis-6.45p.m.

8.10 Ġie deċiż unanimament li l-ikla bħala reċiproka ma' ta' l-Ambaxxata Ċiniża ssir nhar it-Tnejn 29 ta' Novembru 2004, fis-7.30p.m., id-Dubliner Irish Pub and Restaurant filwaqt li l-ikla tal-Kunsill ser issir nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru 2004, fis-7.30p.m., ir-Radisson – The Kon Tiki Restaurant.

8.11 Il-Kunsillier Marcel Scicluna u l-Kunsilliera Irene Borg ġew skużati fis-7.05p.m.

8.12 Il-Kunsillier Norman Vella ssuġġerixxa li:

- ✓ isir bridge biex jgħaqqad id-dawra tal-baħar fejn hemm l-ex St. Julians Pitch.
- ✓ fuq it-tabella tal-karrozzini fi Pjazza tal-Qalb ta' Ġesu jitniżżel li, l-karrozzi jistgħu jipparkaw sal-5.00p.m.

8.13 Ġie deċiż li:

- ✓ ninfurmaw lid-Diviżjoni tax-Xogħolijiet rigward tappiera sfrundata fi Triq Ġorġ Borg Olivier ħdejn Gelate D'Or.
- ✓ Il-Kunsillier John Agius għandu jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill rigward it-taraġ tal-pont li hemm fuq il-bankina fi Triq Wied Għomor.
- ✓ tintbagħat ittra lis-Sisa Supermarket biex jitnaddaf il-bejt tas-Sisa li jiġi taħt il-pont tal-knisja, jittneħħa l-periklu li hemm tal-bozoz li hemm fuq l-istess bejt u jagħlaq l-aċċess li hemm għal fuq il-bejt.
- ✓ bħala apprezzament il-kuntratturi tal-Kunsill jingħataw fliexken tax-xorb u ċikkulatini.

8.14 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-7.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |